# FUQ IL-QABAR TA' JOHN KEATS

"Here lies one whose name
was writ in water"

*Ja Mewt tidħakx; jidħak it-trab hawn taħt!*
*Jekk inti kiefra, kiefra ma' min le ħadem!*
*Dat-trab dejjiem, aħrab, 'l hawnhekk tersaqx!*

*U miegħu jgħaxxex lis-Sabiħ u t-Tajjeb,*
*il-Ġmiel kullfejn jinsab – u inti kerha,*
*ibki l-kruha tiegħek li f' dat-trab le tgħix!*

*Tersaq imbejma t-Tfajla Mingħajr Ħajr*
*biex tagħti ħajr lil min il-ħajja taha;*
*u minn wara dawk is-siġar imbikkija jersqu*
*Isabella, Madelina, Lamja,*
*Lorenzo, Porfiro, Anġla x-xwejħa w l-oħrajn kollha –*

*W għad li l-Ħaġra tgħid*
*li ismu ħażżeż fil-wiċċ tal-ilma,*
*meta lura Malta*
*ħares fis-sema l'isbaħ minnu m'hawnx,*
*tarah fil-kwiekeb jilma!*

Ruma: 8.v.69. WALLACE PH. GULIA